# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIELET KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** __________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultat aħjar.

**GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 20 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

# Lulju u Awissu – l-istorja wara isimhom



Kollox taħt il-kappa tax-xemx għandu l-istorja tiegħu; basta tistudja ftit. Per eżempju, meta talbuni nikteb l-artiklu għall-ħarġa ta' Lulju – Awissu, minnufih iddeċidejt li ngħidilkom xi ħaġa dwar l-oriġini interessanti iżda minsija ta' l-ismijiet ta' dawn ix-xhur. *(par.1)*

Immorru lura għal żmien ir-Rumani. Dak iż-żmien, kif kienet maqsuma s-sena, kienet qiegħda twelled diversi problemi. Hekk kif reġa' lura Ruma mill-Eġittu fis-sena 46 Q.K., Ġulju Ċesare sejjaħ għadd ta' matematiċi u filosofi biex jgħinuh isolvi l-problemi tal-kalendarju. *(par.2)*

Sa dak iż-żmien, is-sena kienet tibda minn Marzu u mhux minn Jannar. U ta' dan għad għandna fdal. Aħsbu ftit: aħna għadna ngħidu Settembru (minn *septem*, sebgħa), Ottubru (minn *octo*, tmienja), Novembru (minn *novem*, disgħa), u Diċembru (minn *decem*, għaxra), għalkemm nafu li dawn illum huma d-disa', l-għaxar, il-ħdax u t-tnax-il xahar tas-sena. *(par.3)*

Ġulju Ċesare poġġa lil Jannar bħala l-ewwel xahar tas-sena. Jannar għamlu twil 30 jum, Frar għamlu 29 jum, ħlief darba kull erba' snin, u allura jkollu 30 jum. Lil Marzu tah 31 jum u lil April 30 jum, u baqa' sejjer hekk: xahar ta' 30 jum u ieħor ta' 31 jum. Meta s-sena kienet tibda minn Marzu, il-ħames xahar kien *Quintilius*. Iżda bħala unur lil Ġulju Ċesare għax-xogħol siewi tiegħu fil-kalendarju, is-senat semma dan ix-xahar għal dan il-mexxej kbir. *Lulju* ġej minn *Ġulju*. Għamlu tajjeb li ma ħallewhx *Quintilius* għax ma kienx baqa' l-ħames xahar. *(par.4)*

Ftit wara li miet Ġulju Ċesare, reġgħu feġġew xi problemi oħra fil-kalendarju. Kien fi żmien l-Imperatur Awgustu li sar xi tibdil ieħor. Is-senat Ruman ried jingħoġob ma' l-Imperatur u qatagħha li jbiddlu l-isem tax-xahar li kien jismu *Sextilis*, għax kien is-sitt xahar, meta s-sena kienet tibda f'Marzu. U tafu għal min iddeċidew li jsemmuh? Ovvjament għall-Imperatur Awgustu. B'hekk seħħ it-twelid ta' *Awissu*. *(par.5)*

Ġara li Lulju kellu 31 jum waqt li Awissu 30. Din dejqet sew lil xi senaturi. Awgustu kien ser jidher iċken minn Ġulju! Għalhekk sar tibdil ieħor. Lil Awissu tawh 31 jum daqs Lulju, minkejja li kien jiġi eżattament warajh. Biex ipattu, naqqsu jum minn Frar, li spiċċa bi 28 jum, ħlief darba kull erba' snin, meta jkollu 29 jum. *(par.6)*

Kien hemm imperaturi oħra li riedu li isimhom isir l-isem ta' xi xahar. Iżda l-esperiment tagħhom ma rnexxiex. Jingħad li meta s-senat xtaq ibiddel Settembru f'*Tiberius*, l-imperatur *Tiberius*, li ma kienx iħobb daċ-ċajt, irrifjuta u qalilhom, "X'ser tagħmlu meta jkollkom aktar minn tnax-il imperatur?!" *(par.7)*

(Addattament minn kitba ta' P. Farrugia Randon li dehret f'*Lil Ħbiebna* ta' Lulju – Awissu 2004.)

| **A. FEHIM IT-TEST** | (10 marki) |
|---|---|

1. Meta qatagħha l-awtur li jikteb dwar Lulju u Awissu?

_______________________________________________(marka)

2. Għaliex Ġulju Ċesare sejjaħ lill-matematiċi u lill-filosofi?

_______________________________________________(marka)

3. Qabel, meta kienet tibda s-sena, u liema kien is-seba' xahar?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

4. X'kienet ir-raġuni li s-senat semma l-ħames xahar *Lulju* ?

_______________________________________________(marka)

5. Għal min issemma s-sitt xahar?

_______________________________________________(marka)

6. Fisser fi kliemek *Awgustu kien ser jidher iċken minn Ġulju! (par.6)*

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

7. Taħseb illi dak li ġara lil *Tiberius* seħħ fil-verita` jew seta' ma seħħx? Xi jġagħlek taħseb hekk?

_______________________________________________

_______________________________________________(2 marki)

| **B. GĦARFIEN IL-LINGWA** | (20 marka) |
|---|---|

**GRAMMATIKA / MORFOLOĠIJA**

1. Wieġeb kif mitlub/a: (3 marki)

   i. l-istat kostrutt ta' *il-kappa tax-xemx (par.1)* : _______________

   ii. nom denominattiv minn *matematiċi (par.2)* : _______________

   iii. nom mimmat minn *iħobb (par. 7)* : _______________

2. Sib mis-silta kif mitlub/a: (4 marki)

i. nom inanimat mill-ewwel paragrafu : _______________

ii. nom indeterminat mit-tieni paragrafu : _______________

iii. stat kostrutt mit-tieni paragrafu : _______________

iv. nom verbali mill-ħames paragrafu : _______________

**LESSIKU / VOKABULARJU**

3. Agħti kelma bl-istess tifsira flok: (3 marki)

i. oriġini *(par.1)* : _______________

ii. allura *(par.4)* : _______________

iii. siewi *(par.4)* : _______________

4. Sib il-kelma mis-silta li tfisser: (3 marki)

i. mantar *(par. 1)* : _______________

ii. isib tarf *(par. 2)* : _______________

iii. iddeċieda *(par. 5)* : _______________

.

**ANALIŻI TESTWALI**

5. *…minnufih iddeċidejt li ngħidilkom xi ħaġa … (par.1). Minnufih* tfisser:

(a) wara ftit taż-żmien___; (b) mill-ewwel ___; (ċ) wara ħafna ħin ___. (marka)

6. Għal liema żmien qiegħda tirreferi l-frażi *Sa dak iż-żmien (par.3)* ?

_______________________________________________________ (marka)

7. *Awgustu kien ser jidher iċken minn Ġulju u għalhekk sar tibdil ieħor.*

Liema kelma mis-sentenza ta' fuq turik li ser tingħata spjegazzjoni?

_______________ (marka)

**SINTASSI**

8. *Tiberius* qalilhom, “X’ser tagħmlu meta jkollkom aktar minn tnax-il imperatur?!”
   Din is-sentenza fiha:

   (a) diskors dirett ____ *jew* (b) diskors indirett ____? (2 marki)

9. Sib mis-silta sentenza miktuba b’diskors indirett:

   ______________________________________________________________

   ______________________________________________________________(2 marki)

| **Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI** | (4 marki) |
|---|---|

1. Kompli b’idjoma mit-taqsima ***Annimali*** : (2 marki)

   F’Lulju tas-sena l-oħra bdejt nattendi Skola Sajf barra mir-raħal tagħna. Imma xi ġrali!

   Ma kont naf lil ħadd! Ħassejtni ________________________________________

2. Fisser il-qawl miktub korsiv: (2 marki)

   Ommi minn dejjem tgħidli : “Studja, għax *dak li tiżra’ taħsad* binti.”

   ______________________________________________________________

| **D. MALTI KOMUNIKATTIV** | (8 marki) |
|---|---|

Agħżel a **jew** b. Ikteb madwar **60** kelma:

a. Is-sajf hu żmien il-festi fil-bliet u fl-irħula tal-gżejjer Maltin. Iddeskrivi l-briju u t-tiżjin ta’ festa partikolari.

***Jew***

b. Għadu kemm fetaħ mużew dwar l-Istorja ta’ pajjiżna. Int bħala s-segretarju/a ta’ dan l-istess mużew ser tħejji riklam.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## E. TIFTIX / TRAWWIM KULTURALI (8 marki)

Ikkummenta dwar **wieħed** mill-aspetti tal-proġett ***Idea ta' Lingwa*** li ħdimt fuqu din is-sena. Ikteb madwar **50** kelma.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## F. LETTERATURA (30 marka)

### (i) STEJJER TAĊ-ĊARRUT (6 marki)

Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba:

1. James Grech ***(Jitkellem James Grech)*** ħarab mid-dar u ddeċieda li (jgħix, jagħtiha għax-xorb, jibda jisraq).
2. ***Iż-Żerriegħa li ma Gergritx*** kienet (taqta' qalbha, temmen fiha nnifisha, is-soltu tgerger).
3. Il-poeta f'***Nostalġija*** jikkontempla l-(weġgħat, ferħ, pjaċir) ta' ħaddieħor.
4. It-tifel fis-silta ***It-Twajjeb*** jidħak lid-dinja ħabiba tiegħu (bi sforz, bi tbatija, qisu mhux hu).
5. Ġuħa ***(Ġuħa u t-tin)*** kien jaħseb (fil-ħażin biss, fit-tajjeb biss, fil-ħażin u t-tajjeb).
6. Sladjan ***(Lil Sladjan)***, it-tifel imqareb mill-Krajina, mill-uniformi mqammda ta' l-iskola libes dik ta' (suldat, prinċep, ners).

### (ii) STEJJER GĦAL QABEL JIDLAM (6 marki)

Wieġeb **a** jew **b**. Ikteb madwar **60** kelma:

a. *"Grazzi xorta waħda" .* Hekk qalet l-omm lit-tifel tagħha Bertu. Grazzi ta' xiex?

***Jew***

b. X'taf dwar il-karattru ta' Kostanzu, ir-raġel ta' Filomena?

(iii) **JINQABAD BID-DROGA** (6 marki)

Wieġeb **a** jew **b**. Ikteb madwar **60** kelma:

a. *Ċinzja riedet timxi. Timxi b'istint aktar milli timxi bi skop. Timxi u tivvjaġġa 'l bogħod 'il bogħod mid-dar.* X'wassal għall-ħarba ta' Ċinzja u x'kienu l-konsegwenzi?

***Jew***

b.*"Kien sensittiv ħafna Martin. Kien differenti ħafna. Kien jaħseb ħafna."* X'taf fuq ħajjet Martin, ħu Simon ir-*Raggae* ?

(iv) **NADRIET 3**

Wieġeb il-mistoqsijiet kollha:

1. F'*Arizona* ta' A. Mizzi, niltaqgħu ma' żewġ naħiet tal-poeta. Liema huma?

_______________________________ (marka)

2. *Xtieli muxgħara jriegħxu bit-tixwik (Arizona)* hi eżempju ta':

(a) alliterazzjoni ____; (b) onomatopea ____; (ċ) rima ġewwiena ____. (marka)

3. F' *Waħdi* , R. Briffa ma' min jgħid li kien fi tfulitu?

_______________________________________________________________(marka)

4. *Għadni dejjem, dejjem jien,*
*anke jekk kiebi u għajjien:*
*il-poeta taż-Żgħorija…*
*il-poeta tas-Sbuħija.* (*Waħdi* – R. Briffa)

Ir-rima ta' din l-istrofa hi:

(a) alternata ____; (b) mqabbża ____; (ċ) mbewsa ____. (marka)

5. F' *Tifkiriet ta' Tfuliti* , K. Vassallo kif kien iqis id-dinja ta' tfulitu?

_______________________________________________________________(marka)

6. X'ġara mill-ħolm kiebi tat-tfulija ta' K. Vassallo?

_______________________________________________________________(marka)

**(v) AKTAR NADRIET POETIĊI** (6 marki)

Agħżel **poeżija** minn hawn taħt u agħti **taqsira** tagħha. Ikteb madwar **50** kelma:

*Fis-Skiet* – Carmel Calleja; *Jekk Baħar Int Għalija* – Carmel G. Cauchi; *Fuq Palm il-Ħbiberija* – Philip Sciberras; *Iż-Żgħożija* – Charles Flores; *Ħabbata* – Marjanu Vella.

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Agħżel **wieħed** u ikteb madwar **300** kelma fuq karta separata:

1. Li tiżra' taħsad.
2. Fid-djarju tiegħi.
3. Persunaġġ storiku li qrajt dwaru/ha.
4. X'nixtieq li jseħħ f'Lulju u/jew f'Awissu li ġej/ġejjin.
5. Il-vantaġġi u l-iżvantaġġi li tkun bniedem/bniedma magħruf/a.
6. Djalogu bejn żewġt iħbieb li qegħdin jistennew b'ħerqa l-vaganzi tas-sajf.